MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2013

Numru. 467/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**SALYA KOUNATE**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SALYA KOUNATE**, ta’ erba’ u ghoxrin (24) sena, bin Salif u Kadidia nee’ Senou, imwieled il-Mali nhar l-20 ta’ Marzu 1989, residenti Marsa Open Centre, Xatt il-Mollijiet, Marsa u detentur tal-Karta tal-Identita’ Maltija bin-numru 82576A gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-8 ta’ Settembru 2013 gewwa dawn il-gzejjer:

a. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Art 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkustanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkustanzi li ma kinix ghall-uzu esklussiv tieghu.

c. Ikkommetta dan ir-reat fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mall-hatra ta’ esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe’ kunsens, fedina penali, fotokopja awtentikata tal-karta tal-identita’ tal-imputat, u l-karta tal-identita’ tal-imputat animo ritirandi.

Rat li l-Prosekuzzjoni esebiet materjalment droga konsistenti fi piu’ o menu f’erba’ (4) grammi kannabis issiggillata f’envelop kannella li nstabet fil-pussess tal-imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma jitkellimx bil-lingwa Maltija u lanqas Ingliza u jitkellem biss bil-lingwa Franciza u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Anthony Licari bhala interpretu sabiex jassisti lill-imputat u jittraduci mil-lingwa Franciza ghal-lingwa Maltija u vici versa.

Semghet lill-imputat jiddikjara li m’ghandux mezzi finanzjarji u li huwa indigenti u l-Qorti ghalhekk innominat lil Dr Renzo Porsella Flores bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali sabiex jassisti lill-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ewwel opportunita’ moghtija lilu llum disgha (9) ta’ Settembru

2013 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-disgha (9) ta' Settembru 2013.

Invista ta' tali ammissjoni, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi.

Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni u li l-ammont ta' droga misjuba kienet wahda zghira.

Rat il-fedina penali ta' l-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu fedina penali netta minghajr ebda kontravvenzjoni jew reat irregistrat fuqha.

Ai fini ta' piena, semghet lill-Prosekuzzjoni tghid li l-imputat ikkoopera bi shih maghha tul din l-investigazzjoni, li sahansitra irregistra ammissjoni fl-ewwel opportunita' moghtija lilu u li l-ammont ta' droga misjub fuqu kien ta' wiehed zghir. Dan nonostante pero', ir-reat huwa wiehed serju u ghalhekk il-Qorti ghandha timponi piena karcerarja.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 8(a) (d) u 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat SALYA KOUNATE hati ta' l-akkuzi u tikkundannah sena prigunerija effettiva.**

**Oltre dan tikkundannah ihallas multa ta' erba' mija u sitta u sittin ewro (€466) u ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed taghti zmien sena sabiex l-imputat ihallas din il-multa inflitta.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha peress li f'dawn l-atti ma saret l-ebda nomina simili.**

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga esibita u ghalhekk tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum mil-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anthony Joseph Portelli'.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------